Maria Reġina College – Għargħur Primary

St Bartholomeo Street, Għargħur, Malta GĦR 1013

e-mail: mrc.gharghur.pr@ilearn.edu.mt l Tel No 25986540 l www.gharghurprimary.com

Creative, Innovative, Professional

The School Motto – Let's Reach Higher!!

18/01/2022

Għeżież Ġenituri,

Nispera li tinsabu tajbin.

Se naqsam magħkom xi tagħrif u dati importanti.

Ħossukom komdi taqsmu magħna suġġerimenti jew ilmenti. Infakkarkom fil-membri tal-Kunsill Skolastiku li huma Ruben Overend, missier Giuliana fil-Year 5; Mandi, omm Kiran fil-Year 5; Oriana omm Albert fil-Year 2.1 u Carmen, il-President tal-Kunsill li hi mill-Għargħur. Aħna niltaqgħu kull xahar. Tiddejqux taqsmu magħhom dak li tixtiequ. Imbagħad niddiskutu waqt il-laqgħat.

Minn żmien għal żmien, iċċekjaw xagħar uliedkom. S'issa m'għandnix każijiet ta' dud fix-xagħar.

Serrħu raskom li jekk ikollna xi każ ta' xi ħadd fl-iskola, pożittiv għall-*Covid*, u aħna nkunu nafu bih, se ngħarrfukom. Aħna qed nieħdu l-miżuri kollha. Infakkar li Ms Patricia, Asst Head, hija l-*Covid Representative* tal-iskola.

Tinsewx il-qari kuljum kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

It-twieqi tal-klassijiet qed inħalluhom miftuħin. Għalhekk tajjeb li l-istudenti jkunu lebsin sew minn taħt l-uniformi. Ukoll jistgħu iġibu xi gverta żgħira biex jitfgħuha fuqhom fil-klassi.

Infakkar fil-*Healthy Eating Policy* li tistgħu ssibuha fuq il-*website* tal-iskola www.gharghurprimary.com Fuq nett għandkom *About Us*. Meta tikklikjaw fuqha, hemm, fost l-oħrajn, it-taqsima *Healthy Eating Policy*. Issibu tagħrif importanti dwar ikel bnin aċċettat fl-iskola u wkoll *Kids Healthy Lunch Box Ideas*. Infakkar li xi *cereal bars*, *yoghurts* u gallettini għandhom ammonti konsiderevoli ta' zokkor; għalhekk għandna nevitawhom.

Fl-ewwel *Term* għamilna laqgħat virtwali għalikom il-ġenituri dwar *Literacy*. Issa qed nagħmlu dwar il-Matematika. Huma laqgħat qosra u interessanti. Inħeġġiġkom tattendu għall-aħħar waħda nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar għall-ġenituri ta' studenti fil-Year 3, 4 , 5 u 6. Il-*link* bgħattniha b'email fil-11 ta' Jannar.

Se nieħu sehem fi ġbir ta' fondi għal Walk with Jerome. Dan se nagħmluh billi l-istudenti mal-għalliema se jmorru mixja fir-raħal tal-Għargħur u jagħtu donazzjoni ta' €1 għall- *Chemo Bags of Hope*. Din il-mixja se ssir bejn l-4 u l-14 ta' Frar. Kull klassi se timxi għaliha u f'ħinijiet differenti. Hekk l-istudenti ma jitħalltux flimkien. L-għalliema se jibagħtulkom *consent form* bil-ġurnata. Ovvjament, il-ġurnata tista' titbiddel jekk it-temp ma jkunx favorevoli.

**JANNAR**

| | |
|---|---|
| 27 | 9.15a.m. Laqgħa virtwali mal-ġenituri tal-istudenti tal-KG li deħlin fi Frar. |

| | |
|---|---|
| | |
| 28 | PJ u Hot Chocolate Day. L-istudenti kollha jiġu l-iskola bil-piġama u bl-isports' shoes tal-iskola. Araw li l-piġama hija komda biex l-istudenti jużaw it-*toilet* waħedhom. €1 donazzjoni bħala *fund raising* għall-iskola biex jinxtara *software* għall-qari virtwali. |
| 31 | L-istudenti kollha m'għandhomx skola. Taħriġ ta' ġurnata għall-għalliema. |

**FRAR**

| | |
|---|---|
| 1 | L-ewwel ġurnata tal-iskola għall-istudenti tal-KG. |
| 2 | 6p.m. Laqgħa virtwali għall-ġenituri ta'studenti fil-Year 6 ma' Mr Decelis. Din hi laqgħa dwar il-mixja mill-Primarja għall-Middle School. Id-dettalji ngħataw diġa' lil dawn il-ġenituri b'email fl-10 ta' Jannar. |
| 4 -14 | Walk with Jerome. Kull klassi għaliha. €1 donazzjoni għall-*Chemo Bags of Hope*. |
| 9 | 9a.m. Online *Science Webinar* għall-ġenituri li wliedhom huma fil-KG1 sa Year 2. Dan huwa organizzat mid-Dipartiment tax-Xjenza. Dettalji u tagħrif ingħataw diġa' lil dawn il-ġenituri b'email fit-13 ta' Jannar. |
| 10 | Vaganza |
| 17, 18 | Attivita' STEM. Se nistiednu nies li xogħolhom huwa relatat max-Xjenza biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-istudenti li qegħdin fil-Year 4, 5 u 6. L-għan huwa li nsiru nafu aktar, nesponu u nħajru l-istudenti lejn ix-Xjenza. |
| 21 | *Parents' Day* online. L-istudenti kollha m'għandhomx skola. L-għalliema se jibagħtulkom *invite*. L-appuntamenti huma itwal għax din hija ġurnata sħiħa. |
| 25 | L-istudenti kollha jiġu l-iskola bil-kostum tal-Karnival. Dettalji jingħataw 'il quddiem. |
| 28 | Vaganzi tal-Karnival |

**MARZU**

| | |
|---|---|
| 1, 2 | Vaganzi tal-Karnival |
| 8 | Jum il-Mara. Qed nippruvaw noħolqu laqgħat virtwali bejn l-istudenti tagħna u nisa li huma mexxejja. Matul dawn il-laqgħat, l-istudenti jsiru jafu dwar l-isfidi u l-akkwisti ta'xogħolhom. Se jkollna wkoll informazzjoni mwaħħla mal-ħadid tal-iskola li intom tistgħu taqraw billi tiskanjaw il- *QR Code* bil-*mobile*. Hekk inkunu qed indaħħlu t-teknoloġija wkoll. |
| 14 -18 | Attivita' ta' Xjenza, Teknoloġija u Matematika kollha flimkien. Din hija attivita' organizzata mid-Dipartiment tax-Xjenza bl-isem X'Hemm X'Jgħaqqadna? L-iskola tagħna għażlet it-tema tal-ikel. Għalhekk matul dawn il-ġranet, l-istudenti se jkollhom attivitajiet marbutin max-xjenza, teknoloġija u matematika bit-tema tal-ikel. |

| | |
|---|---|
| 21 | *Down Syndrome Awareness Day*. Illum l-istudenti jilbsu kalzetti differenti. Uniformi bħas-soltu.€1 donazzjoni għad-Dar tal-Providenza. Min irid jista’ jagħti aktar. |
| 31 | Vaganza |

Il-vaganzi tal-Għid huma mit-13 ta’ April sal-24 ta’ April. Nerġgħu niltaqgħu fil-25 ta’ April.

Grazzi ta’ kollox.

Ms Ben Ms Pat U Ms Pam
Kap tal-Iskola Asst Kapijiet